MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 305/2011

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 3845/10 mahrug fit-2 ta' Dicembru 2010 fl-ismijiet:**

**Darren Grech (I.D. Card Nru. 430780M)**

**Vs**

**Angelo Bugeja (I.D. Card Nru. 521442M) u Andrew Bugeja (I.D. Card Nru. 120549M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Angelo Bugeja u Andrew Bugeja fis-7 ta' Settembru 2011, permezz ta' liema jitolbu li l-Qorti tirrevoka l-Mandat ta' Sewkestru bin-Numru 3845/10 fl-ismijiet "Darren Grech v. Angelo Bugeja et" a tenur ta' l-Artikolu 836(1)(a),(b),(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u li timponi penali xierqa fuq l-intimat favur taghhom a tenur ta' l-Artikolu 836(8)(a), (b) u (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors u markati Dok. “A” u Dok. “B” a fol. 7 sa’ 19 tal-process;

Rat illi l-intimat gie notifikat b’dawn il-proceduri izda naqas milli jipprezenta Risposta entro t-terminu prefiss u ma deherx ghas-seduti ffissati mill-Qorti;

Semghet ix-xhieda moghtija minn Angelo Bugeja u minn Andrew Bugeja waqt is-seduta tas-7 ta’ Novembru 2011 u rat id-dokument markat Dok. “AB1” esebit waqt dik l-istess seduta;

Rat l-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru bin-Numru 3845/10 fl-ismijiet “Darren Grech v. Angelo Bugeja et”;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti jitolbu r-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3845/10 mahrug kontra taghhom mill-intimat fit-2 ta’ Dicembru 2010, u dana a bazi ta’ l-Artikolu 836(1) (a), (b), (d) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioè ghaliex: (i) il-Mandat ma ghadux fis-sehh; (ii) wahda mill-htigiet tal-Ligi ghall-hrug tal-Mandat ma ghadhiex fil-fatt tezisti; (iii) l-ammont mitlub ma huwiex *prima facie* gustifikat u huwa eccessiv; u ghaliex (iv) fic-cirkostanzi ma huwiex ragonevoli u gustifikabbli li l-Mandat jinzamm fis-sehh fil-konfront taghhom. Minbarra r-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru r-Rikorrenti jitolbu wkoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallashom penali a tenur ta’ l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghaliex (i) minghajr raguni valida ma ghamilx il-kawza dwar il-jedd minnu pretiz fil-Mandat ta’ Sekwestru fiz-zmien stabbilit bil-Ligi – Artikolu 836(8)(a) tal-Kap.12, (ii) ma kienx hemm raguni tajba ghall-hrug tal-Mandat ta’ Sekwestru u fi kwalunkwe kaz fi zmien hmistax-il gurnata qabel ma gie ipprezentat ir-Rikors ghall-hrug tal-Mandat, l-intimat ma talabx lir-Rikorrenti biex ihallsuh is-somma minnu pretiza, u ghaliex (iii) it-talba ta’ l-intimat hija wahda li saret b’malizzja u hija frivola u vessatorja.

L-intimat ghalkemm notifikat bil-proceduri odjerni naqas milli jipprezenta Risposta ghat-talbiet tar-Rikorrenti u ma deherx ghas-seduti ffissati mill-Qorti. Ciò nonostante però l-Qorti xorta wahda trid tiddetermina jekk it-talbiet tar-Rikorrenti humiex gustifikati u jekk realment hemmx lok ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru mahrug kontra taghhom mill-intimat u ghall-kundanna ta' l-istess intimat ghall-hlas ta' penali favur taghhom.

Wahda mir-ragunijiet fuq liema r-Rikorrenti jibbazaw it-talba taghhom ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3845/10 hija li l-intimat ma istitwixxa ebda procedura ghall-kanonizzazzjoni tal-pretensjoni tieghu fil-konfront taghhom. In verità minn dan il-fatt ir-Rikorrenti johorgu zewg argumentazzjonijiet in bazi ghal liema jikkontendu li l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni ghandu jigi revokat: l-ewwel wahda hi li kontra dak provdut fl-Artikolu 848 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, **flimkien** mat-talba ghall-hrug tal-Mandat in kwistjoni l-intimat ma pprezentax talba sabiex il-pretensjoni tieghu tigi kanonizzata b'sentenza, u fit-tieni lok, f'kaz li l-Artikolu 848 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghall-kaz odjern peress illi fir-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru l-intimat iddikjara li kien ser jipprocedi kontra taghhom bi procedimenti ta' arbitragg, fi kwalunkwe kaz ma gew istitwiti ebda proceduri ta' arbitragg entro t-terminu ta' ghoxrin gurnata mill-prezentata tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru kif provdut fl-Artikolu 38(3) ta' l-Att dwar l-Arbitragg, Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jibda biex jinghad li l-Qorti hi sodisfatta li l-intimat ma istitwixxa ebda procedura – la azzjoni civili quddiem il-Qorti ordinarja u lanqas procedimenti ta' arbitragg – ghall-kanonizzazzjoni tal-pretensjoni tieghu fil-konfront tar-Rikorrenti. Dan il-fatt gie kkonfermat minn entrambe r-Rikorrenti fix-xhieda taghhom waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2011 u ladarba l-intimat ma irrispondix ghat-talbiet tar-Rikorrenti u lanqas deher ghas-seduti ffissati mill-Qorti, dak minnhom affermat ma jinsabx kontradett.

Apparte minnhekk, l-Artikolu 38(5) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *l-persuna li jkun inhareg l-att kawtelatorju fuq talba taghha skond dan l-artikolu ghandha, fiz-zmien imsemmi fis-subartikolu (3), tipprezenta nota fl-atti tal-procedimenti ghall-hrug ta' dak l-att kawtelatorju flimkien mac-certifikat mir-Registratur li jkun juri li jkun beda procedimenti ta' arbitragg skond is-subartikolu (4)* u mill-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni jirrizulta b'mod car li l-intimat ma ipprezenta ebda nota ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi. Dan in-nuqqas ghalhekk huwa prova ulterjuri li l-intimat ma pprezentax procedimenti ta' arbitragg kontra r-Rikorrenti kif minnu dikjarat fit-talba tieghu ghall-hrug tal-Mandat in kwistjoni.

Jehtieg ghalhekk jigi stabbilit liema miz-zewg sottomissjonijiet avvanzati mir-Rikorrenti hija dik korretta u li tiggustifika r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3845/10.

L-Artikolu 848 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghall-Mandati ta' Sekwestru Kawtelatorji bis-sahha ta' l-Artikolu 849 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li *bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 466 u 467 ghal dawk li huma krediti tal-Gvern, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri, il-mandat ta' qbid ma jigix mahrug kemm-il darba l-mandat ma jsirx flimkien ma' talba sabiex il-kreditu jew il-pretensjoni jigu kanonizzati b'sentenza u sakemm il-kreditu jew il-pretensjoni ma jkunux iktar minn elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69)*[1]*, jew it-talba ghall-hrug ta' dak il-mandat hi ghal xi haga li, kif jinghad, hi l-proprjetà tal-persuna li tkun qed tohrog il-mandat.*

L-import ta' dan l-artikolu tal-Ligi huwa car u ma jhalli lok ghal ebda interpretazzjoni diversa: Mandat ta' Sekwestru (jew Qbid) Kawtelatorju jista' jinhareg minn din il-Qorti jew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri biss meta: (i) il-pretensjoni tas-sekwestrant ma

[1] Sottolinear tal-Qorti.

tkunx inqas minn €1,164.69; **u** (ii) flimkien mat-talba ghall-hrug tal-Mandat issir talba ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu jew pretensjoni tas-sekwestrant. Madanakollu però ladarba fir-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tar-Rikorrenti l-intimat iddikjara li kien ser jipprocedi kontra taghhom bi procedimenti ta' arbitragg, necessarjament trid issir referenza ghal dak dispost fil-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta dwar mizuri limitati w atti kawtelatorji fil-kuntest ta' procedimenti ta' arbitragg peress illi hemm disposizzjoni *ad hoc* – l-Artikolu 38 – fir-rigward.

Is-subartikolu (1) ta' l-imsemmi Artikolu 38 tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *kemm-il darba l-partijiet ma jiftehmux mod iehor, kull parti tista' titlob lill-qorti biex tohrog xi att kawtelatorju minn dawk elenkati fl-artikolu 830(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili* <u>*bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli li gejjin ta' dan l-artikolu*</u>[2] u s-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu tal-Ligi jipprovdi ulterjorment li <u>*minkejja kull haga li jista' jkun hemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili*</u> <u>*z-zmien stabbilit fil-Kodici li fih l-azzjoni dwar id-dritt imsemmi fl-att kawtelatorju ghandha tingieb ikun ta' ghoxrin jum minn meta jigi prezentat l-att gudizzjarju li fih il-qorti tintalab li tohrog l-att kawtelatorju*</u>[3]*. Ghandhom japplikaw ukoll id-disposizzjonijiet ta' dak il-Kodici dwar it-tigdid ta' dak iz-zmien*.

Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi johrog car li fir-rigward tal-hrug ta' atti kawtelatorji fil-kuntest ta' procediment ta' arbitragg hemm regola *ad hoc* **ghal dak li jirrigwarda z-zmien li fih il-kreditur ghandu jiddeduci l-pretensjoni tieghu fil-konfront tad-debitur**, distinta mir-regoli fl-istess rigward disposti fil-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz ghalhekk l-Artikoli 848 u 849 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi.

Fil-fehma tal-Qorti, b'rispett lejn il-principju *lex specalis derogat generalis,* fejn il-kreditur ikun ser jiddeduci l-pretensjoni tieghu fil-konfront tad-debitur permezz ta'

---

[2] Sottolinear tal-Qorti.
[3] Sottolinear tal-Qorti.

procedimenti ta' arbitragg u jitlob il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru (jew Qbid) kawtelatorju taht l-Awtorità ta' din il-Qorti jew tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri, huwa jibqa' marbut bir-rekwizit tal-*quantum* tal-pretensjoni kif dispost fl-Artikolu 848 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta izda ma huwiex tenut li jipprezenta l-procedimenti ta' l-arbitragg flimkien mat-talba ghall-hrug tal-Mandat imma jista' jipprezenthom fi zmien ghoxrin gurnata mill-prezentata tat-talba ghall-hrug tal-Mandat kawtelatorju.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk, il-fatt li fil-kaz in ezami l-intimat ma istitwiex il-procedimenti ta' l-arbitragg kontra r-Rikorrenti **flimkien** mar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni, ma huwiex raguni sufficjenti ghar-revoka ta' l-istess Mandat.

Minkejja dan però xorta jibqa' l-fatt li l-intimat baqa' ma pprezentax l-procedimenti ta' arbitragg kontra r-Rikorrenti entro z-zmien ta' ghoxrin gurnata mill-prezentata tat-talba ghall-hrug tal-Mandat kawtelatorju kif stipulat fl-Artikolu 38(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt jikkostitwixxi raguni valida – taht l-Artikolu 386(1)(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta – ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni.

Kif gustament osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Aquilina v. Francis X. Aquilina**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Novembru 1991, kull att kawtelatorju *ghandu validità u hajja sakemm u biex il-kreditur ikollu opportunità li jikkonkrettiza l-kreditu tieghu f'titolu ezekuttiv … u jippermetti jesegwixxi kreditu li b'hekk ma jkollux bzonn ta' aktar kawtela.* Din hija fil-fatt wahda mill-htigiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' titlob u tottjeni l-hrug ta' Mandat Kawtelatorju[4] u ghalhekk jekk, bhalma gara fil-kaz in ezami, min ikun talab u ottjena l-hrug ta' l-att kawtelatorju ma jiddeducix it-talba tieghu kontra d-debitur fiz-zmien moghti fil-Ligi, f'dan il-kaz ghoxrin gurnata mill-prezentata tat-talba ghall-hrug tal-Mandat

---

[4] Digriet wara r-Rikors bin-Numru 336/05 fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju Numru 494/05 mahrug fil-21 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet "Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart" moghti fis-27 ta' Lulju 2005.

kawtelatorju, tali htiega ghall-hrug tal-Mandat tigi nieqsa u konsegwentement l-att kawtelatorju – fil-kaz in ezami l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3845/10 – ghandu jigi revokat.

Il-fatt li l-intimat ma istitwiex il-procedimenti ta’ arbitragg fil-konfront tar-Rikorrenti jaghti lok ghal raguni ohra ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni – raguni fil-fatt sollevata mir-Rikorrenti fir-Rikors promotur – u cioè, li l-ammont mitlub mhux *prima facie* gustifikat – Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fid-Digriet wara r-**Rikors bin-Numru 336/05 fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju Numru 494/05 mahrug fil-21 ta’ Marzu 2005 fl-ismijiet “Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart”** moghti mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Lulju 2005, inghad illi *l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta’ Mandat kawtelatorju taht din ir-ras* – ossia l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta – *huwa wiehed li jorbot il-kawzali ta’ l-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t’ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta’ pretensjoni (dak li f’oqsma ohra ta’ dritt jissejjah il-“fumus juris” tal-pretensjoni dedotta) u fit-tieni lok jekk wasalx biex “jillikwida” tali pretensjoni f’somma li taqbel ma’ l-ammont minnu mahluf fil-Mandat*.

Ghalkemm flimkien mar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju kontra r-Rikorrenti l-intimatipprezenta kopja tal-ftehim li kien hemm ma’ l-istess Rikorrenti, u dana presumibilment biex juri li ghandu bazi ta’ pretensjoni kontra taghhom, il-fatt li huwa naqas milli jiddeduci tali pretensjoni tieghu fil-konfront taghom bi procedimenti ta’ arbitragg kif minnu dikjarat fit-talba ghall-hrug tal-Mandat, jew b’ azzjoni quddiem il-Qrati, iwassal lil din il-Qorti biex tqis li l-ammont minnu kawtelat bil-Mandat ma huwiex *prima facie* gustifikat. Ghalhekk, ghal din ir-raguni wkoll il-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni ma ghandux jibqa’ fis-sehh.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat, il-Qorti tqis li ma hemmx il-htiega li tidhol fil-kwistjoni dwar jekk il-Mandat ta' Sewkestru Kawtelatorju in kwistjoni ghandux jigi revokat ukoll a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Apparte r-revoka ta' l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, ir-Rikorrenti jitlobu wkoll li l-intimat jigi kkundannat ihallashom penali f'somma stabbilita minn din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 836(8)(a), (b) u (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-ragunijiet fuq liema r-Rikorrenti jibbazaw din it-talba taghhom huma: (i) li l-intimat minghajr raguni valida ma istitwiex il-procedimenti ta' arbitragg fiz-zmien moghti mill-Ligi [Art. 836(8)(a)]; (ii) li qabel il-hrug tal-Mandat in kwistjoni l-intimat ma interpellahomx ghall-hlas [Art. 836(8)(b)]; u (iii) li t-talba ta' l-intimat hija wahda malizjuza, frivola jew vessatorja [Art. 836(8)(d)].

Il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha fit-tul fir-rigward tat-talba ghall-kundanna ta' l-intimat ghall-hlas ta' penali ghaliex tinsab sodisfatta li huwa naqas milli jiddeduci l-pretensjoni tieghu fil-konfront tar-Rikorrenti bil-mod u fiz-zmien prefiss mill-Ligi, minghajr raguni valida. B'hekk ghal din ir-raguni, a tenur ta' l-Artikolu 836(8)(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat huwa tenut ihallas penali lil <u>kull wiehed</u> mir-Rikorrenti, liema penali qed tigi ffissata fis-somma ta' €1,164.69 ghal kull wiehed minnhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-Rikors ipprezentat mir-Rikorrenti fis-7 ta' Settembru 2011, billi tilqa' t-talbiet taghhom u a tenur ta' l-Artikolu 836(1)(b) u (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3845/10 fl-ismijiet "Darren Grech v. Angelo Bugeja u Andrew Bugeja" mahrug kontra r-Rikorrenti fit-2 ta' Dicembru 2010, u tordna l-hrug tal-kontro-mandat relattiv, u a tenur ta' l-Artikolu 836(8)(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-intimat ihallas lil <u>kull wiehed</u> mir-Rikorrenti s-somma ta' €1,164.69 bhala penali.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------